

ANNESS I
KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Porcils PCV M Hyo emulsjoni għal injejżzjoni għall-ħnieżer

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

2 ml fiha:

Sustanzi Attivi :

Cirovirus tal-ħnieżer tip 2 (PCV2) ORF2 subunit antigen	$\geq 2\ 828\ AU^1$
Strejn J inattivat tal- <i>Mycoplasma hyopneumoniae</i>	$\geq 2.69\ RPU^2$

Sustanzi mhux attivi:

Żejt minerali ħafif	0.268 ml
Aluminjum (bħala hydroxide)	2.0 mg

¹ Units antiġeniċi kif determinati f' test tal-potenza *in vitro* (ELISA).

² Units ta' potenza relativa kif imqabbla ma' vaċċin ta' referenza.

Ingredjenti oħra:

Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra
Sorbitan oleate
Polysorbate 80
Ethyl alcohol
Glycerol
Sodium chloride
Ilma għall-injezzjonijiet

Emulsjoni omoġena bajda jew kważi bajda wara li titħawwad.

3. TAGĦRIF KLINIKU

3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Ħnieżer (tas-simna).

3.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Għall-immunità attiva tal-ħnieżer sabiex inaqqas viremija, l-ammont ta' virus fil-pulmun u t-tessuti tal-limf, it-tixrid tal-virus ikkawżat minn infel-żon tal-circovirus tal-ħnieżer tip2 (PCV2), u s-severità tal-leżjonijiet ikkawżati minn infel-żon tal-*Mycoplasma hyopneumoniae*. Sabiex inaqqas it-telf ta' kuljum fiż-żieda tal-piż waqt il-perjodu tas-simna minħabba infel-żon bil-*Mycoplasma hyopneumoniae* u/jew PCV2 (kif osservat fi studji fuq barra).

Bidu tal-immunità b' doża waħda ta' vaċċinazzjoni:

PCV2: Ġimħtejn wara l-vaċċinazzjoni.

M.hyopneumoniae: 4 ġimġħat wara l-vaċċinazzjoni

Bidu tal-immunità b'żewġ dożi tal-vaċċin:

PCV2: 18 il-ġurnata wara l-ewwel vaċċinazzjoni

M.hyopneumoniae: 3 ġimġħat wara t-tieni vaċċinazzjoni

Perjodu tal-immunità (għaż-żewġ skedi ta' vaċċinazzjoni):

PCV2: 22 ġimġha wara (l-aħħar) l-vaċċinazzjoni.

M. hyopneumoniae: 21 ġimġha wara (l-aħħar) l-vaċċinazzjoni

3.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

3.4 Twissijiet speċjali

Laqqam annimali f'saħħithom biss.

3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:
Mhux applikabbli.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

Għal min se juża:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju fih żejt minerali. Injezzjoni bi żball jew jekk tinjetta lilek innifsek bi żball jista' jirriżulta f'uġiġ kbir u nefħa speċjalment jekk tinjetta f'għog jew saba' u f'każijiet rari jista' jkun li titlef subgħajjk jekk ma tingħatax għajnejna medika mill-ewwel. Jekk tiġi injettat bi żball b'dan il-prodott mediċinali veterinarju, fittex għajnejna medika mill-ewwel, anke jekk ġie injettat ammont żgħir ħafna, u hu l-fuljett ta' tagħrif miegħek. Jekk l-uġiġ idu għal aktar minn tnax-il siegħa wara l-eżami mediku, erġa' hu parir mediku.

Għat-tabib:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju fih żejt minerali. Anke jekk ġew injettati ammonti żgħar, injezzjoni bi żball b'dan il-prodott mediċinali veterinarju tista' tikkawża nefħa intensa, li tista' pereżempju tikkawża nekrożi iskimika u anke l-bżonn li jinqata' xi saba'. Attenzjoni minn kirurgu espert għandha tingħata MILL-EWWEL u jista' jkun hemm bżonn li jinfetaħ is-saba' u tiġi rrigata l-parti fejn seħħet l-injezzjoni, speċjalment fejn hemm il-laħam tas-saba' jew l-għerq tal-muskolu.

Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Mhux applikabbli.

3.6 Effetti mhux mixtieqa

Ħnieżer (tas-simna):

Komuni ħafna (>1 annimal / 10 annimali ttrattati):	Żieda fit-temperatura ¹
Mhux komuni (1 sa 10 annimali / 1 000 annimali ittrattati):	Nefħa fis-sit tal-injezzjoni ² Tnaqqis fl-attività ³ Joqogħdu mimdudin ³ Skumdità ³
Rari (1 sa 10 annimali / 10 000 annimali ittrattati):	Reazzjoni ta' sensittività eċċessiva ⁴
Rari ħafna (<1 annimal / 10 000 annimali ittrattati, inkluż rapporti iżolati):	Reazzjonijiet tat-tip ana filattiċi ⁵

¹ Fil-ġurnata tal-vaċċinazzjoni (medja ±1 °C, f'xi ħnieżer individwali sa 2 °C). L-annimali jerġgħu lura għan-normal minn jum sa jumejn wara li tiġi osservata l-ogħla temperatura.

² < dijametru ta' 2 cm. Dawn ir-reazzjoni jidilqu fi żmien 12-il ġurnata wara l-ewwel vaċċinazzjoni tal-iskeda taż-żewġ vaċċinazzjoni u fi żmien 3 ijiem wara li tispieċċa jew l-iskeda ta' vaċċinazzjoni ta' doża waħda jew dik ta' żewġ dożi.

³ Sa ġurnata wara l-vaċċinazzjoni.

⁴ Wara l-ewwel vaċċinazzjoni tal-iskeda ta' vaċċinazzjoni b'żewġ dożi.

⁵ Għall-iskeda ta' vaċċinazzjoni b'doża waħda: Tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. F'każ li jseħħu dawn ir-reazzjonijiet, hu rakkommandat it-trattament xieraq.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurta ta' prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu, preferibbilment permezz ta' veterinarju, jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqgħid fis-suq jew lill-awtoritā nazzjonali kompetenti permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali. Ara s-sezzjoni “Dettalji ta' kuntatt” tal-fuljett ta' tagħrif.

3.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġ u fi żmien il-bidien

Mhux applikabbli.

3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

Hemm informazzjoni dwar is-sigurta u l-effikaċċja li turi li dan il-vaċċin jista' jingħata mal-Porcilis Lawsonia u/jew mal- Porcilis PRRS minn età ta' 3 ġimħat. Meta Porcilis PCV M Hyo jingħata fl-istess ħin ma-Porcilis Lawsonia, dawn il-prodotti għandhom jitħaltu (ara sezzjoni 3.9 hawn taħt), imma Pocilis PRRS għandu dejjem jingħata f'post differenti (preferibbilment fuq n-naħħa l-oħra tal-għonq). Il-fuljett tal-informazzjoni tal- Porcilis Lawsonia u/jew Porcilis PRRS għandu jiġi kkonsultat qabel tamministra.

Fi ħnieżer individwali ż-żieda fit-temperatura wara l-użu flimkien tista' komunament taqbeż 2°C. It-temperatura tirritorna għan-normal minn 1 sa 2 ġranet wara li l-għola temperatura li ġiet isservata. Reazzjonijiet tranżitorji fis-sit tal-injezzjoni, li huma restritti għal nefħa żgħira (< 2 cm dijametru), jistgħu jseħħu komunament wara l-vaċċinazzjoni, imma r-reazzjonijiet jistgħu ma jfegġgux qabel żmien 12-il ġurnata wara l-vaċċinazzjoni. Dawn ir-reazzjoniet kollha jisparixxu fi żmien 6 ijiem. Reazzjonijiet ta' ipersensittivita jistgħu jseħħu raramment wara l-vaċċinazzjoni.

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurta u l-effikaċċja ta' dan il-vaċċin meta jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ħlief dawk il-prodotti msemmija aktar ‘il fuq. Id-deċiżjoni sabiex tintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ

3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ

Qabel tuża l-vaċċin ħallih jilħaq t-temperatura tal-kamra (15 °C – 25 °C) u ħawwad sew qabel l-użu. Evita li tindroduxi xi kontaminazzjoni.

Laqqam il-ħnieżer fil-muskolu fl-għonq.

Skeda ta' vaċċinazzjoni b'doża waħda:

Doża waħda ta' 2ml fi ħnieżer li jibdew minn 3 ġimħat ta' età.

Skeda ta' vaċċinazzjoni b'żewġ dożi:

Żewġ injezzjonijiet ta' 1ml kull wieħed fi ħnieżer li jibdew minn 3 ijiem ta' età b'intervall ta' mill-anqas ta' 18 il-ġurnata.

It-tul u l-ħxuna tal-labba għandhom jiġu addattati għaż-żmien tal-annimal.

Meta infezzjoni tal-PVC2 u/jew *M. hyopneumoniae* isseħħ kmieni, l-iskeda taż-żewġ vaċċinazzjoni hija rakkomandata.

Użu mħallat ma'Porcilis Lawsonia

L-emulsjoni tal -Porcilis PCV M Hyo tista' tintuża sabiex tirrikostitwixxi l-lajofilizzat tal-Porcilis Lawsonia, fit-tit qabel il-vaċċinazzjoni tal-ħnieżer minn eta' ta' 3 ġimħat kif ġej:

Porcilis Lawsonia lajofilizzat	Porcilis PCV M Hyo
50 doża	100 ml
100 doża	200 ml

Għal taħlit tajjeb u amministrazzjoni koretta, uża l-proċedura li ġejja:

1. Ħalli l-Porcilis PCV M Hyo jiľhaq it-temperatura tal-kamra u ħawwad sew qabel tuża.
2. Żid 5-10 ml Porcilis PCV M Hyo mal-lajofilizzat tal-Porcilis Lawsonia u ħawwad għal fit.
3. Iġbed il-konċentrat rikostitwit mill-vjala u injetta fil-vjala tal-Porcilis PCV M Hyo. Ħawwad għal fit sabiex jitħaltu.
4. Uża t-tħallita tal-vaċċin fi żmien 6 sigħat minn mindu thalitet. Kull vaċċin li jibqa wara dan il-ħin ġħandu jintrema.

Dużaġġ:

Doża waħda (2ml) ta' Porcilis Lawsonia mħallat ma' Porcilis PCV M Hyo għandu jinata fil-muskolu fl-għonq.

Dehra wara li jirkostitwit: emulsjoni omoġenja bajda jew kważi bajda wara li tħawwad.

3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbi, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)

M'hemmx informazzjoni.

- 3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediciinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-risku ta' żvilupp ta' reżistenza**

Mhux applikabbi.

3.12 Perjodi ta' tiżmim

Xejn.

4. INFORMAZZJONI IMMUNOLOĠIKA

4.1 Kodiċi ATC veterinarja: QI09AL08.

Il-prodott jistimula immunità attiva kontra circovirus tal-ħnieżer tip 2 u *Mycoplasma hyopneumoniae* fil-ħnieżer.

5. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

5.1 Inkompatibiltajiet maġġuri

Tħallatx ma' ebda prodott mediciinali veterinarju ieħor ħlief mal-lajofiliżejt tal-Porcilis Lawsonia.

5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediciinali

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediciinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 2 snin
Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: 8 sigħat

5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżeen fil-frig (2 °C – 8 °C).

Tagħmlux fil-friżza.

Ipproteġi mix-xemx direktta.

5.4 In-natura u l-ġħamla tal-ippakkjär li jmiss mal-prodott

Kunjetti PET (polyethylene terephthalate) ta' 20,50, 100, 200 jew 500ml, magħluqa b'tapp tal-gomma nitrile u ssiġillat b'kappa tal-aluminjum.

Kaxxa tal-kartun b'1 kunjett ta' 20ml.

Kaxxa tal-kartun b'1 kunjett ta' 50ml.

Kaxxa tal-kartun b'1 kunjett ta' 100ml.

Kaxxa tal-kartun b'1 kunjett ta' 200ml.

Kaxxa tal-kartun b'1 kunjett ta' 500ml.

Kaxxa tal-kartun b'10 kunjetta ta' 20ml.

Kaxxa tal-kartun b'10 kunjetta ta' 50ml.

Kaxxa tal-kartun b'10 kunjetta ta' 100ml.

Kaxxa tal-kartun b'10 kunjetta ta' 200ml.

Kaxxa tal-kartun b'10 kunjetta ta' 500ml

Mhux id-daqsjiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

5.5 Prekawzjonijiet specjalji għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbi għall-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat.

6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Intervet International B.V.

7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/14/175/001

EU/2/14/175/002

EU/2/14/175/003

EU/2/14/175/004

EU/2/14/175/005

EU/2/14/175/006

EU/2/14/175/007

EU/2/14/175/008

EU/2/14/175/009

EU/2/14/175/010

8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 07/11/2014.

9. DATA TAL-AĦĦAR REVIŻJONI TAL-KARTTERISTIČI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

{XX/SSSS}

10. KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI VETERINARJI

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fil-Bażi tad-data tal-prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

ANNESS II

**KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID
FIS-SUQ**

Xejn.

ANNESS III
TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

Kaxxa tal-kartun

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Porcilis PCV M Hyo emulsjoni għall-injezzjoni

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Għal 2 ml:

PCV2 ORF2 subunit antigen	$\geq 2\ 828$ AU
<i>M. hyopneumoniae</i> inac.	≥ 2.69 RPU

3. DAQS TAL-PAKKETT

20 ml
50 ml
100 ml
200 ml
500 ml
10x20 ml
10x50 ml
10x100 ml
10x200 ml
10x500 ml

4. SPEċI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Ħnieżer (għas-simna)

5. INDIKAZZJONIJIET

6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI

Użu fil-muskolu.

7. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: Xejn ġranet.

8. DATA TA' SKADENZA

Exp. {xx/ss}
Ladarba jinfetaħ uża fi żmien 8 sighħat.

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżeen fil-friġġ.
Tagħmlux fil-friża.
Ipproteġi minn xemx diretta.

10. IL-KLIEM “AQRA L-FULJETT TA’ TAGħrif QABEL L-UŻU”

Aqra l-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”

Għall-kura tal-annimali biss.

12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx u mit-tfal.

13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

Intervet International B.V.

14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

EU/2/14/175/001 (20 ml)
EU/2/14/175/002 (50 ml)
EU/2/14/175/003 (100 ml)
EU/2/14/175/004 (200 ml)
EU/2/14/175/005 (500 ml)
EU/2/14/175/006 (10x20 ml)
EU/2/14/175/007 (10x50 ml)
EU/2/14/175/008 (10x100 ml)
EU/2/14/175/009 (10x200 ml)
EU/2/14/175/010 (10x500 ml)

15. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT

Kunjetti ta' 100, 200 u 500ml

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Porcilis PCV M Hyo emuljoni għall-injejjzjoni

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Għal kull 2 ml:

PCV2 ORF2 subunit antigen $\geq 2\ 828\ AU$,
M. hyopneumoniae inac. $\geq 2.69\ RPU$.

100 ml

200 ml

500 ml

3. SPEċI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Ħnieżer (għas-simna)

4. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI

Użu fil-muskolu. Aqra l-fuljett ta' tagħrif li jinsab fil-pakkett qabel tuża.

5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: xejn ġranet.

6. DATA TA' SKADENZA

Exp. {xx/ss}

Ladarba jitħallat uża fi żmien 8 sigħat.

7. KUNDIZZJONIJIET SPEċJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżeen fil-friġġ.

Tagħmlux fil-friżza.

Ipproteġi minn xemx direktta.

8. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Intervet International B.V.

9. NUMRU TAL-LOTT


Lott {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI
JMISS MAL-PRODOTT**

Kunjetti ta' 20 u 50ml

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Porcilis PCV M Hyo



2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI

Għal kull 2 ml:

PCV2 ORF2 subunit antigen $\geq 2\,828$ AU

M. hyopneumoniae inatt. ≥ 2.69 RPU

20 ml

50 ml

3. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

4. DATA TA' SKADENZA

Exp. {xx/ss}

Ladarba jinfetaħ už-a fi żmien 8 sīgħat.

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL:

1. L-isem tal-prodott mediċinali veterinarju

Porcilsis PCV M Hyo emulsjoni għall-injezzjoni għall-ħnieżer

2. Kompożizzjoni

2 ml fiha:

Sustanzi Attivi :

Cirovirus tal-ħnieżer tip 2 (PCV2) ORF2 subunit antiġen	$\geq 2\ 828\ AU^1$
Strejn J inattivat tal- <i>Mycoplasma hyopneumoniae</i>	$\geq 2.69\ RPU^2$

Sustanzi mhux attivi:

Żejt minerali ħafif	0.268ml
Aluminjum (bħala hydroxide)	2.0mg

¹ Unitajiet antiġeniċi kif determinati f' test tal-potenza *in vitro* (ELISA).

² Unitajiet ta' potenza relativa kif imqabbla ma' vaċċin ta' referenza.

Emulsjoni emoġenja bajda jew kważi bajda wara li titħawwad.

3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott

ħnieżer (għas-simna).

4. Indikazzjonijiet għall-użu

Għall-immunità attiva tal-ħnieżer sabiex inaqqas viremija, l-ammont ta' virus fil-pulmun u t-tessuti tal-limf, it-tixrid tal-virus ikkawżat minn infezzjoni tal-circovirus tal-ħnieżer tip2 (PCV2), u s-severtitā tal-leżjonijiet ikkawżati minn infezzjoni tal- *Mycoplasma hyopneumoniae*. Sabiex inaqqas it-telf ta' kuljum fiż-żieda tal-piż waqt il-perjodu tas-simna minħabba infezzjoni bil-*Mycoplasma hyopneumoniae* u/jew PCV2 (kif osservat fi studji fuq barra).

Bidu tal-immunità b'doża waħda ta' vaċċinazzjoni:

PCV2: Ġimħażżejn wara l-vaċċinazzjoni

M.hyopneumoniae: 4 ġimħat wara l-vaċċinazzjoni

Bidu tal-immunità b'żewġ dożi tal-vaċċin:

PCV2: 18 il-ġurnata wara l-ewwel vaċċinazzjoni

M.hyopneumoniae: 3 ġimħat wara t-tieni vaċċinazzjoni

Kemm iddu l-immunità (għaż-żewġ skedi ta' vaċċinazzjoni):

PCV2: 22 ġimħa wara (l-aħħar) l-vaċċinazzjoni

M. hyopneumoniae: 21 ġimħa wara (l-aħħar) l-vaċċinazzjoni

5. Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

6. Twissijiet speċjali

Twissijiet speċjali:

Laqqam annimali f'saħħithom biss.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

Għal min se juża:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju fih żejt minerali. Injezzjoni bi żball jew jekk tinjetta lilek innifsek bi żball jista' jirriżulta f'uġiġ kbir u nefħa speċjalment jekk tinjetta f'għog jew saba' u f'każijiet rari jista' jkun li titlef subgħajk jekk ma tingħatax għajnejha medika mill-ewwel. Jekk tigħi injettat bi żball b'dan il-prodott mediċinali veterinarju, fittex għajnejha medika mill-ewwel, anke jekk ġie injettat ammont żgħir ħafna, u hu l-fuljett ta' tagħrif miegħek. Jekk l-uġiġħ idum għal aktar minn tħallix il-siegħa wara l-eżami mediku, erġa' hu parir mediku.

Għat-tabib:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju fih żejt minerali. Anke jekk ġew injettati ammonti żgħar, injezzjoni bi żball b'dan il-prodott mediċinali veterinarju tista' tikkawża nefħa intensa, li tista' pereżempju tikkawża nekrożi iskemika u anke l-bżonn li jinqata' xi saba'. Attenzjoni minn kirurgu espert għandha tingħata MILL-EWWEL u jista' jkun hemm bżonn li jinfetaħ is-saba' u tigħi rriġata l-parti fejn seħħet l-injezzjoni, speċjalment fejn hemm il-laħam tas-saba' jew l-għerq tal-muskolu.

Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Mħux applikabbli.

Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħrajn u forom oħrajn ta' interazzjoni:

Hemm informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja li turi li din t-tilqima tista' tingħata mal-Porcilis Lawsonia u/jew mal- Porcilis PRRS minn eta'ta' 3 ġimħat. Meta Porcilis PCV M Hyo jingħata fl-istess ħin ma-Porcilis Lawsonia, dawn il-prodotti għandhom jitħaltu (ara sezzjoni 4.9 hawn taħt), imma Pocilis PRRS għandu dejjem jingħata f'post differenti (preferibilment fuq n-naħħa l-oħra tal-għonq). Il-fuljett tal-informazzjoni tal- Porcilis Lawsonia u/jew Porcilis PRRS għandu jiġi kkonsultat qabel tamministra.

Fi hnieder individwali ż-żieda fit- temperatura wara l-użu flinkien tista' komunament taqbes 2°C. It-temperatura tirritorna għan-normal minn 1 sa 2 ġranet wara li l-għola temperatura li ġiet isservata. Reazzjonijiet tranżitorji fis-sit tal-injezzjoni, li huma restritti għal nefħa żgħira (< 2 cm dijametru), jistgħu iseħħu komunament wara l-vaċċinazzjoni, imma r-rejazzjonijiet jistgħu ma jfeggux qabel żmien 12-il ġurnata wara l-vaċċinazzjoni. Dawn ir-rejazzjoniet kollha jisparixxu fi żmien 6 ijiem. Rejazzjonijiet ta' ipersensittivita jistgħu jseħħu raramment wara l-vaċċinazzjoni.

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' din it-tilqima jekk tintużha flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju minbarra l-prodott imsemmi hawn fuq. Id-deċiżjoni sabiex tintużha din it-tilqima qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

Doża eċċessiva:

L-ebda *data* disponibbli.

Inkompatibilitajiet magħġuri:

Tħallatx ma' ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor ħlief Porcilis Lawsonia.

7. Effetti mhux mixtieqa

Ħnieżer (tas-simna):

Komuni ħafna (>1 annimal / 10 annimali ittrattati):	Żieda fit-temperatura ¹
Mħux komuni (1 sa 10 annimali / 1 000 annimali ittrattati):	Nefħa fis-sit tal-injezzjoni ² Tnaqqis fl-attività ³ Joqogħdu mimdudin ³ Skumdità ³
Rari (1 sa 10 annimali / 10 000 annimali ittrattati):	Reazzjoni ta' sensittività eċċessiva ⁴
Rari ħafna (<1 annimal / 10 000 annimali ittrattati, inkluż rapporti iżolati):	Reazzjonijiet tat-tip anafilattiċi ⁵

¹ Fil-ġurnata tal-vaċċinazzjoni (medja ±1 °C, f'xi hnieder individwali sa 2°C). L-annimali jerġgħu lura għan-normal minn jum sa jumejn wara li tīgħi osservata l-ogħla temperatura.

² < dijametru ta' 2 cm. Dawn ir-reazzjonijiet jitilqu fi żmien 12-il ġurnata wara l-ewwel vaċċinazzjojni tal-iskeda taż-żewġ vaċċinazzjonijiet u fi żmien 3 ijiem wara li tispiċċa jew l-iskeda ta' vaċċinazzjoni ta' doża waħda jew dilk ta' żewġ dożi.

³ Sa ġurnata wara l-vaċċinazzjoni.

⁴ Wara l-ewwel vaċċinazzjojni tal-iskeda ta' vaċċinazzjoni b'żewġ dożi.

⁵ Għall-iskeda ta' vaċċinazzjoni b'doża waħda : Tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. F'każ li jseħħu dawn ir-reazzjonijiet, hu rakkomandat it-trattament xieraq.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurta ta' prodott. Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok ikkuntattja, mal-ewwel, lill-veterinarju tiegħek. Tista' tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq billi tuża d-dettalji ta' kuntatt fit-tmiem ta' dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta' rapportaġġ nazzjonali: {dettalji tas-sistema nazzjonali}.

8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta' amministrazzjoni

Laqqam il-ħnieżer fil-muskolu tal-ġħonq.

Skeda ta' vaċċinazzjoni b'doża waħda:

Doża waħda ta' 2ml fi hnieder li jibdew minn 3 ġimħat ta' età.

Skeda ta' vaċċinazzjoni b'żewġ dożi:

Żewġ injezzjoni ta' 1ml kull wieħed fi hnieder li jibdew minn 3 ijiem ta' età b'intervall ta' mill-anqas ta' 18 il-ġurnata.

It-tul u l-ħxuna tal-labba għandhom jiġu addattati għaż-żmien tal-annimal.

Meta infezzjoni tal-PVC2 u/jew *M. hyopneumoniae* isseħħ kmieni, l-iskeda taż-żewġ vaċċinazzjoni hija rakkomandata.

Użu mħallat ma' Porcilis Lawsonia

L-emulsjoni tal-Porcilis PCV M Hyo tista' tintuża sabiex tirrikostitwixxi l-lajofilizzat tal-Porcilis Lawsonia, ffit qabel il-vaċċinazzjoni tal-ħnieżer minn eta' ta' 3 ġimħat kif ġej:

Porcilis Lawsonia lajofilizzat	Porcilis PCV M Hyo
50 doża	100 ml
100 doża	200 ml

Għal taħlit tajjeb u amministrazzjoni korett, uża l-proċedura li ġejja:

- Ħalli l-Porcilis PCV M Hyo jilħaq it-temperatura tal-kamra u ħawwad sew qabel tuża.
- Żid 5-10 ml Porcilis PCV M Hyo mal-lajofilizzat tal-Porcilis Lawsonia u ħawwad għal fit.

- Iġbed il-konċentrat rikostitwit mill-vjala u injetta fil-vjala tal-Porcilis PCV M Hyo. Ħawwad għal fit-tit sabiex jitħaltu.
- Uża t-taħlita tal-vaċċin fi żmien 6 sigħat minn mindu thalitet. Kull vaċċin li jibqa wara dan il-ħin għandu jintrema.

Dużaġġ

Doża waħda (2ml) ta'Porcilis Lawsonia mħallat ma'Porcilis PCV M Hyo għandu jinata fil-muskolu fl-għonq.

Dehra wara li jirkostitwit:emulsjoni omoġjenja bajda jew kważi bajda wara li tkawwad.

9. Parir sabiex tamministra b'mod korrett

Qabel tuża l-vaċċin ħalli li jilħaq it-temperatura tal-kamra ($15^{\circ}\text{C} - 25^{\circ}\text{C}$) u ħawwad sew qabel l-użu. Evita li tindrodu xi kontaminazzjoni.

10. Perjodi ta' tiżim

Xejn.

11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Żomm fejn ma jidhix u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżeen fil-frig (2 °C – 8 °C).

Tagħmlux fil-friżza.

Ipproteġi mid-dawl tax-xemx dirett.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq it-tikketta wara Exp. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar jum tax-xahar.

Iż-żmien kemm idu tajjeb wara li jinfetaħ il-pakkett li jmiss mal-prodott għall-ewwel darba: 8 sigħat.

12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbi. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

Staqsi lill-kirurgu veterinarju tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa.

13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqṣijiet tal-pakkett

EU/2/14/175/001-10.

Kaxxa tal-kartun b'1 jew 10 kunjetti tal-PET ta' 20, 50, 100, 200 jew 500 ml.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta' tagħrif

{XX/SSSS}

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinary hija disponibbli fid-Database tal-prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

16. Dettalji ta' kuntatt

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-manifattur responsabbi għall-ħruġ tal-lott u d-dettalji ta' kuntatt biex jiġu rrappurtati effetti mhux mixtieqa:

Intervet International B.V., Wim de Körverstraat 35, 5831 AN Boxmeer, In-Netherlands

België/Belgique/Belgien

Tél/Tel: + 32 (0)2 370 94 01

Република България

Тел: + 359 28193749

Česká republika

Tel: + 420 233 010 242

Danmark

Tlf: + 45 44 82 42 00

Deutschland

Tel: + 49 (0)8945614100

Eesti

Tel: + 37052196111

Ελλάδα

Τηλ: + 30 210 989 7452

España

Tel: + 34 923 19 03 45

France

Tél: + 33 (0)241228383

Hrvatska

Tel: + 385 1 6611339

Ireland

Tel: + 353 (0) 1 2970220

Ísland

Sími: + 354 535 7000

Italia

Tel: + 39 02 516861

Lietuva

Tel: + 37052196111

Luxembourg/Luxemburg

Tél/Tel: + 32 (0)2 370 94 01

Magyarország

Tel.: + 36 1 439 4597

Malta

Tel: + 39 02 516861

Nederland

Tel: + 32 (0)2 370 94 01

Norge

Tlf: + 47 55 54 37 35

Österreich

Tel: + 43 (1) 256 87 87

Polska

Tel.: + 48 22 18 32 200

Portugal

Tel: + 351 214 465 700

România

Tel: + 40 21 311 83 11

Slovenija

Tel: + 385 1 6611339

Slovenská republika

Tel: + 420 233 010 242

Suomi/Finland

Puh/Tel: + 358 10 2310 750

Kύπρος
Τηλ: + 30 210 989 7452

Latvija
Tel: + 37052196111

Sverige
Tel: + 46 (0)8 522 216 60

United Kingdom (Northern Ireland)
Tel: + 353 (0) 1 2970220

17. Tagħrif ieħor

Il-vaċċin jistimula immunità attiva kontra circovirus tal-ħnieżer tip 2 u *Mycoplasma hyopneumoniae* fil-ħnieżer.